# Beati u Qaddisin....Marzu

## SANTA KATERINA DREXEL (1858 – 1955)

## MARZU 3



F'dan il-jum il-Knisja kattolika ticcelebra l-festa ta' Santa Katerina Drexel, mara mill-Filadelphia li halliet il-fortuna kollha tar-rikezzi tal-familja biex waqqfet ordni ta' sorijiet li l-ghan taghhom kien li jiehdu hsieb is-settur fqir ta' poplu amerikan ta' dixxendenza Afrikana u Indjana gewwa l-Istati Uniti. Twieldet fis-26 ta' Novembru tas-sena 1858 go familja sinjura li kellha konnessjonijiet sew mad-dinja bankarja. Minkejja li kienu sinjuri hafna, il-flus u r-rikezzi ma fixkluhomx li jghixu l-fidi taghhom skont l-ispirtu nisrani.

Ommha kienet tiftah darha tlett darbiet fil-gimgha biex titma' lil min kien fqir u missierha kien bniedemta' talb profond. Il-genituri kienu jfakkru lil uliedhom li l-gid tal-familja ma kienx taghhom, izda misluf lilhom minn Alla u kellu jintuza' biex ikun ta' ghajnuna lil dawk fil-bzonn.

Matul ix-xhur tas-sajf Katerina u hutha l-bniet kienu jghallmu l-katekizmu lit-tfal tal-haddiema li kienu mpjegati mal-familja. Meta kien tivvjaga mal-familja taghha kienet xhud tal-kundizzjonijiet mizeri tal-foqra. Hija kienet tati hafna mill-flus taghha biex iservu ta' ghajnuna lil dawk fil-bzonn meta kienet ghadha fil-hajja lajka.

Eventwalment Katerina kienet ser tati aktar minn flus. Kienet ser tiddedika hajjitha ghal dawn in-nies emarginati gewwa l-Amerka. L-ispirazzjoni ghal dan ix-xoghol missjunarju gietha waqt zjara f'Ruma fejn kellha udjenza mal-Papa Ljun XIII.  F'dak iz-zmien hija kellha l-hsieb li tidhol soru tal-klawsura. Imma meta hija talbet lill-Papa biex jibghat missjunarji gewwa Wyoming il-Papa wegibha biex tkun hija li tiehu fuq spallejha dan ix-xoghol.

Fi Frar tas-sena 1891 hija ghamlet l-ewwel voti taghha fil-hajja religjuza u formalment irrinunzjat il-gid kollu personali u l-liberta' taghha biex tikber f'relazzjoni aktar mill-qrib ma' Alla.

Ghalkemm is-suwed kienu liberi u ma baqghux izjed ilsira, huma kienu diskriminati ghal ahhar u kienu sahansitra privi minn edukazzjoni bazika.

Katerina waqqfet is-Sorijiet tas-Santissmu Sagrament bl-iskop li jghixu fost dawn il-kommunitajiet u jghinuhom jikbru fil-fidi u jtuhom edukazzjoni xierqa.

Bejn is-snin 1891 u 1935 l-ordni taghha waqqfet kwazi 60 skola u missjoni. Waqqfet ukoll in-New Orleans Xavier University li kienet totalment dedikata ghan-nies ta' gilda sewda.

Wara li sforiet attakk tal-qalb hija kellha tirtira u damet tghix ghal madwar 20 sena ohra. Issa t-tmexxija hallietha f'idejn haddiehor. Lil uliedha s-sorijiet hallietilhom il-karizma ta' l-imhabba ghall-missjoni. Mietet fit- 3 ta' Marzu tas-sena 1955 u Gwann Pawlu II ikkanonizaha fl-1 ta' Ottubru tas-sena 2000.